# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

Il Poeta latin Orazju.

33. | 17 TA' APRIL 1909. | L-EUUEL SENA


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'il Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament. Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri għandhom jinbagħtu collha T'as-Sliema, 12, Strada S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc.

★

DAŬC COLLHA LI JSIBU SOĊJU ĠDID GĦAL SENA GĦA'N-"NAĦLA" JIEĦDU CTIEB TA'L 'MAĦBUB TA' GESÙ' B'XEJN.

LIL MIN JISSIEĦEB ĠDID ISSA, BILLI BAKA FTIT COPJI ŻEJDA, NATIĦ IN-NUMRI TA'L-EŬŬEL SITT XHUR B'XEJN

BEJN MIN ĦALLAS JEŬ IĦALLAS, MINN JEDDU, IT-TIENI SITT XHUR, SA L-AĦĦAR TA' APRIL, JINTREFGĦU PREMJI COTBA SBIĦ.

MIN IRID JIXTRI "IN-NAĦLA" JEŬ JIXTRI "IL MAĦBUB TA' GESÙ"; JEŬ IRID IĦALLAS L-ABBONAMENT IMUR GĦAND IL FOTOGRAFU VELLA, TA' ĦDEJN COLOMBOS TA' STRADA RJALI TA' BELT, JEŬ ISIB LILI F'IL GĦODU F'IL KORTI T'ISFEL TA'L BELT.

A. LEVANZIN B.A. C.F. P.L. Direttur-Proprietariu.

## Lil Xcora difnuh ħaj!?

Haŭn Malta, xi dakkiet, fuk ħaġa ta' xejn malajr isir plejtu sħiħ; u ħafna ħŭejjeġ ta' min jiżinhom tajjeb jibkgħu għaddejjin ma'ż-żiffa bħallichiecu ma huma xejn.

Hecc ġara da'l ġranet fuk ħaġa li hemm bżonn li ŭieħed jitfa ftit daŭl fukha seŭŭa għaliex jecc hi minnha ma tagħmel xejn unur lil Gvern tagħna u lil xi impjegati cbar tiegħu.

F'in-numru 7757 ta'l 1 ta' April, ta'r-"Risorgimento" deher articolu li jchexchex u li fuku l-ebda ŭaħda m'il gazzetti l-oħra ma tniffsu.

Dana l-articolu jismu "Schiarimenti" u fih it-Tabib Pietru Paŭl Agius, Direttur ta'l ġurnal li semmejna, irid igħid bi ftit cliem u ċar li lil Toni Xcora ma għallkuhx seŭŭa b'il ħabel, għa'x żelak, u ... baka jifga b'il mod il mod, u li actarx ma chienx mejjet meta difnuh!

U biex ma taħsbux li jiena kiegħed incabbar jeŭ insebbaħ sejjer ingibilcom xi bcejjeċ minn dana l-articolu stess ħalli titchexcxu bħali b'dac li kal.

**..."Noi non dicemmo dopo l'esecuzione dell'ultimo impiccato come facero alcuni, che la morte fu istantanea come fecero alcuni ipocriti che si fingono contro la pena di morte e si fingono contro lo stato presente che screditerebbe i Borboni ed i peggiori cariat Governi!**

**Noi stemmo inforse nè volemmo per non agitare gli animi de' buon dire tutte le verissime verita' che ci avevano trapelato e ci avean raggiunto:**

**il pretendere che noi dobbiamo strangolare la Verita' ad majorem cuccagnae gloriam e' il nec plus altra della iniquita', è il soverchio che rompe il coperchio e ci spiace che si vuol persistere nell'errore (humanum est errare ma lo incapoñirsi nell'errore è diabolico ed infernale e da spiriti maligni) e ci si vuol rendere complici per aver voluto usare assai prudentissimamente prudenza e la prudenza nostra si vuol fare interpretare come complicita', ebbene, affediddio ora parliamo senza ambagi e reagiamo nella speranza che non si continui in orrori ed in errori. Dunque** LA FAMOSA MORTE ISTANTANEA DELL'ULTIMO IMPICCATO FU UNA GRAN FARSA INVENTATA PER STRANGOLARE LA VERITÀ. LA MORTE SE VERAMENTE E SE MAI SUCCESSE SUL PATIBOLO FU UNA LENTISSIMA AGONIA PER ASFISSIA, **e un nostro collega che studio' il caso si mostro' scettico non solo intorno alla precisione come espressa nel certificato del Protomedico,** MA ANCHE SE CI ANDASSE UN CERTIFICATO DI MORTE, **che' l-esame fu superficialissimo e non serio, che il Protomedico quasi ne avesse orrore e che il nodo scorsojo della Giustizia umana era scivolato all'Azzopardi sotto il corpo della mandibola da non occludere** SERIAMENTE **nemmeno l'aria e da non essere misericordioso in una rapida fine! Hanno fatto male forse ad imbandire il capo di un impiccando di un bacucco perche' forse la Giustizia umana ha paura dell'eco che puo riscuotere sul volto (ad immagine di Dio) dalla giustizia naturale e Divina strangolata barbaramente e barbaramente massacrata?**

**I fratelli della Misericordia piamente seppellirono colui** CHE CREDEVANO MORTO, **ma sono essi certi che se quell'impiccato (?) si fosse svegliato dalla morte** FORSE APPARENTE **avrebbe potuto nella sua ira mettere in repentaglio la sua salvezza eterna...''** u jispiċċa l-articolu li jgegħlec iċċeccec snienec billi. kal "**Altro che morte istantanea!**"

Biex ma nigbedx ŭisk f'it-tul ma inħiex sejjer nakleb għal malti chelma b'chelma dan l-articolu li jgib il bard, biss sejjer ingħid x'fih għal daŭc li ma jifmhux b'it-taljan.

It-Tabib Agius jibda biex igħid li hu ma kal xejn fuk dan dic il ħabta ta't-tagħliek ta' Toni Xcora biex ma jkankalx taħŭid billi cullħadd chien għadu mixgħul b'il biċċa; iżda li illum jirfes taħt riglejh is-seŭŭa biex jati pjacir lil xi impjegati ta'l Gvern jidhirlu li hi ħaga cherha u ħażina ŭisk u li ma hux seŭŭa li meta jittieħed sball għandu jibka għaddej bla ma ħadd jara x'jagħmel u li hu ma jridx igħaddi ta' complici billi jgħatti dac li hu minnu. Issa, jcompli igħid, irrid nitchellem u ċar u tond u irrid niċċaklak fuk dina il biċċa b'it-tama kaŭŭija li ma jcomplux isiru f'Malta iżjed minn daŭna il ħŭejjeġ li jchexcxu u minn daŭna l-isbalji coroħ. MELA (jgħid fl'articolu li semmejna) IL FAMUSA MEŬT TA'L-AĦĦAR ŬIEĦED LI GĦALLKU MA CHIENITX ĦLIEF FARSA CBIRA LI KALGĦU MINN ŻNIEDHOM BIEX JIRFSU IS-SEŬŬA, IL MEŬT JECC KATT ĠRAT U JECC KATT ĠRAT FUK IL FORCA MA CHIENITX ĦLIEF MARTIRJU, ĦLIEF AGUNIJA IRKIEKA, IRKIEKA BILLI MIET FGAT! u compla jgħid li tabib ieħor bħalu, u li chien hemm f'il ħin ta't-tagħliek u li ħaddem rasu fuk dina il biċċa, kallu li m'hux biss ma mietx malajr iżda jiddubita jecc it-Tabib Principal ta'l Gvern satax jagħmel certificat TA'L MEŬT għaliex l-eżami li għamel ta'l cadavru chien lixx lixx u bla ebda rekka għaliex donnu baża minnu u billi l-ingassa żelket m'il geŭża ta' għonk Xcora u marret taħt ix-xedak u b'mod li ma chienetx tagħlaklu GĦAL COLLOX il għerżuma u għalhecc ma satax imut malajr.

Compla kal li għamlu ħafna ħażin li libbsuh il barnus biex kerdu lil dac il bniedem bi ħmuxija cbira, u li il Fratelli ta'l Ħniena difnu lil dac LI ĦASBUH MEJJET! iżda li chiecu stembaħ minn dic il meŭt, LI FORSI MA CHIENETX ĠRAT (apparenti) chien jitlef actarx ruħu, u spiċċa l-articolu billi kal "Altru jecc chienetx meŭt ta' malajr!"

Cull min jakra dana l-articolu li jchexchex jifhem ċar u tond li Toni Xcora miet fgat kalb torturi cbar jecc ucoll ma chienx għadu ħaj u DIFNUĦ ĦAJ!

Dana l-articolu chitbu id-Direttur ta'r-"Risorgimento" stess, bniedem ta' żeŭġ laŭrji u ŭarrant magħhom, galantom sa'x-xfar ta' għajnejh u li meta jicteb ħaġa bħal din jaf x'inhu jicteb u jaf x'isarraf dac li jicteb; u ma dan kal li chitbu għaliex kalulu tabib ieħor bħalu, li chien hemm meta għallku lil Xcora u li tchellem ŭara li studja il cas chif chien.

Igifieri li min jakra dac l-articolu ma għandu l-ebda raġuni li ma jemminx dac li fih meta chitbu bniedem ta'l professjoni, rispettabbili, galantom, istruit u direttur ta' ġurnal u meta jgħid li dac li chiteb kalulu tabib ieħor bħalu u li chiecu ma chienx rispettabbili u ta min jokgħod fuk chelmtu it-Tabib Agius ma chienx sejjer jgib f'il ġurnal tiegħu stess dac li kallu, billi jaf chemm hi kalila f'Malta il-Ligi ta'l Istampa u f'liema għaŭġ jista jsib ruħu fih jecc dac li kal ma hux minnu m'hux biss kuddiem il Korti iżda ucoll ma cullħadd bħala ġurnalista billi ħŭejjeġ bħal daŭn ma għandhomx jistampaŭ irŭieħhom ħlief meta ŭieħed icun altru li sgur ferm minnhom. Jiena nitħem li it-Tabib Agius, bħala tabib intelligenti u galantom li hu, ħaseb dana collu kabel stampa dac li kal u għalhecc ma nafx għala jien u cull min jakra dac li chiteb ma għandniex nemmnuh.

U meta nemmnu dac li chiteb inħossu sgur snienna jitkarmċu b'il biża u b'il għafsa ta' kalb meta narau chif isir il Ħakk u f'liema ŭiċċ xi impjegati juru ħaġa b'oħra kuddiem cullħadd.

It-Tabib Principal ta'l Gvern hu milkut f'il-laħam il ħaj li għamel certificat ta'l meŭt meta ma chienx sgur, chif kalu it-tabib Agius u it-tabib l-ieħor, li Xcora chien mejjet tasseŭ; għaldakstant ma għandux jokgħod bla ma jittiefes taħt accuża ħarxa bħal din jecc tasseŭ ma għandu l-ebda tort u dac li intkal fl-articolu ma hu xejn minnu.

Hemm bżonn li il Gvern stess ikankal inchiesta fuk dina il biċċa maħmuġa ħalli il poplu jcun jaf x'hemm minnu jeŭ le fuk dina il ħaġa u jsejjaħ l'it-tabib Agius biex jati il provi talli kal u biex igħid min chien dac it-tabib l-ieħor li ŭassallu dac li inchiteb fuk l-eżami lixx, lixx li chif intgħad għamel it-tabib Caruana Sciciuna u fuk liema raġunijiet sata jaħseb li lil Xcora difnuħ ħaj.

U ŭara dana collu hemm bżonn li jsir ħakk seŭŭa minn min isibu li għandu tort.

U jecc il Gvern jagħmilha ta't-trux bħal ma għamel f'il biċċa ta'l Lais fuk dac li chiteb Manŭel Dimech (u issa għandu żeŭġ tobba rispettabbili u galantomi kuddiemu) hemm bżonn li jitkankal is-Sur Cicc Azzopardi u jfarfar ftit rixu billi jagħmel interpellanza f'il Cunsill u jitlob ħakk m'il Gvern jeŭ contra min nakas m'id-dmir tiegħu jeŭ contra min kala minn żniedu dina il klajja cherha biex ixeŭŭex il poplu u jgegħlu jobgħod lil Gvern u lil l-impjegati tiegħu.

Nitma li xi ħadd m'il Cunsiljieri li għandna ma jonkosx li ma jagħmelx dmiru collu biex il poplu jcun jaf x'hemm minnu minn dac collu li stampa ruħu f'ir-"Risorgimento," u xejn ma jaħsbu li dina il biċċa sejjra tibka għaddejja ma'r-rieħ bħal ħafna ħŭejjeġ oħra; jecc is-Sur Cicc ma jitniffesx f'il "Gazzetta di Malta" tiegħu u ma jagħmelx interpellanza biex jurina x'hemm minnu fuk dina il ħaġa ħarxa u cherha, inkanklu il familja ta' Toni stess biex titlob sodisfazzjon m'il Gvern fuk dac li chiteb ir-"Risorgimento" u

jecc ma jcunx b'iż-żejjed dana, jiena sgur li il poplu malti collu chemm hu jiffirmali petizzjoni li nicteb jien stess lil Gvern biex nitolbu li jagħmel inchiesta fuk dina l-accuża cherha.

Min għandu tort jieħdu chif ħakku, iżda il poplu għandu jcun jaf jecc hux b'dil ħruxija u b'dana il mod chiefer li kiegħed isir il Ħakk f'Malta; u fuk dan għad nitchellem iżjed.

## FRAC.

L'esposizzjoni ta'l Pittura u ta'l Iscultura irnexxiet ŭisk. Bħala qŭadri intgħogbu ħafna ir-ritratt ta'l Imħallef Debono li għamel Calì, xi xogħlijiet ta' ibnu u daŭc li espona Duca li għa'x-xogħol ta'l pastell ma jirbħu ħadd. Fost ix-xogħol ta'd-dilettanti l-akŭa tifħir jintgħata l'il Caruana Dingli, li jista jgħaddi ma l-aħjar pitturi, dac ta's-Sinjurini Corleo, Lanzon, Galea - Brockdoff u ta' xi oħrajn li ma niftacarx isimhom. Chien hemm xogħlijiet sbiħ ucoll ta' Renzo Flores, ta' Green, ta' Drago, ta' Serracino u ta' oħrajn. F'issala ta'l Iscultura chien hemm xogħlijiet sbiħ ta' Sciortino, Cardona, Cellini u Spampinato bħal ma ucoll ras ta' chelb b'ħafna ŭerak ma' dŭara li jecc niftacar seŭŭa hi ta' Sant. Chien hemm ħafna fotografiji sbiħ u xogħlijiet ta'r-raccmu u ta' bizzilla li faħħruhom ŭisk. Fi ftit cliem chien hemm x'tara biex ŭieħed icun jista jgħid bla għilt ta' xejn li il Malti cull fejn tfittxu issibu.

Ħakkhom għalhecc tifħir il membri ta'l Cumitat talli kiegħdin iħabircu biex imixxu il kuddiem ħŭejjeġ hecc sbiħ.

L-Esposizzjoni fetaħha id-Duca u dakket programm sabiħ ħafna il Banda ta'r-Regiment Malti.

★

Is-Sur Nin Dalli gieb f'il "Patriota" li tagħha ilu Direttur xi għaxar snin, articolu iffirmat C.A.M. fejn attacca l'is-Sur Cicc Azzopardi talli kal f'il Cunsill "LI CHIEN PRONT BIEX JACCETTA IT-TAXXI IMKAR CHIENU BIEX IMIXXI IL KUDDIEM F'MALTA L'ILSIEN INGLIZ BISS ! ! ! "

U il programm u il politica ta' kabel x'nagħmlu bihom? U it-tŭiegħid lil poplu li sarlu fl-elezzjoni? U għala għal dac l-articolu ma nafarx is-Sur Cicc u ma kal xejn fuk il "Gazzetta di Malta" li tagħha hu Direttur? Dina id-darba ma hemmx tribunal ta'l Inghisizzjon għal Ninu Dalli, dac li dejjem chellu il ħila jgħid li jħoss b'ŭiċċu minn kuddiem bla ma baża katt m'il babaŭ ta' ħadd?

Chellu raġun l-Imħallef Roncali meta darba lil "Gazzetta di Malta" lakkamha "il liżar ta'l monopolju."

Dina sgur li dakket ħelu ħafna għal ŭidnejn is-Segretarju li il cap ta'l poplu chien lest biex jilka it-taxxi imkar għal l-ilsien ingliż biss ! U it-taljan li ilhom iħambku tant għalieh?

U it-tagħlim ta'l ilsien malti għala l-Avucat Mercieca sejjaħlu delitt u il "Gazzetta" kalet li hi ħaġa "belgħa u ta'd-daħc"? Ma jafux li l-ilsien Malti għamlu cattedra tiegħu fi Dresda ta'l Germanja fejn igħallmu il Prof: Strumme u li hu dic il ħaġa għażiża li tagħmilna nazzjon? Forsi huma actar għorrief u serji m'it-tedeschi?

Jiena naħseb li jcun actar għaref u serju dac li jkim dac l-ilsien li xorob ma ħalib ommu minn dac li biex jagħmilha ta'l ħelu jatieh b'is-siek. Ma kraŭx forsi il ctieb sabiħ ta'l mibchi A. E. Caruana "Sull' Origine della Lingua Maltese" biex jaraŭ il malti xi pregju fih?

★

D'al ġranet faħħaruli ħafna lil ħabriechi caxxier ta'l imfaħħra Banda "S. Giorgio" ta' Bormla billi jagħmel chemm jista biex igibha il kuddiem u biex dina il banda tibka dejjem ŭaħda m'il aħjar li għandna f'Malta. Kaluli ucoll li hu chien li ħareġ il capital biex sar f'il casin ta' l-istess banda dac il famus cinematografu li hu ŭieħed m'il isbaħ, jecc m'hux l-isbaħ, milli jagħmel unur lil min ħadmu.

Għalhecc lil Salvu Said rrid indeŭŭku it-tifħir ħelu ta'n-"Naħla" ucoll u lil Banda "S. Giorgio" li cont Segretarju tagħha nixtiekilha dejjem dac ir-risk li jistħokkilha għal ħila tagħha.

★

F'iż-17 ta April, f'it-tmienja u nofs, il Cumpanija Maltija ta'l Belt sejra tati f'it-Teatrin "Concordia" ta'l Calcara iddramm sabiħ "RIGOLETTO" u ŭara xi canzunetti u farsa. Fl-intervall il Banda Prince of Wales ta'l Birgu idokk bċejjec sbiħ.

★

F'il 21 ta' dana ix-xahar jigu jżuru pajjisna ir-Re u ir-Regina ta'l Inghilterra. Merħba bihom!

★

## AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Fl-America** hemm ħafna kixx u mixx ta' ararchici u ta' msieħbin f'il "mano nera" li kiegħdin jagħmlu ħafna ħŭejjeġ coroħ. Da'l ġranet serku tifel minn scola fi Sparon (Ohjo). Marru żeŭġ t-irgiel għalieh u kalu l-is-surmast li missieru jridu, u dana bagħtu. Daŭc iż-żeŭġ t-irgiel ħbeŭ it-tifel li jismu William Whitel, ta xi għaxar snin, u bagħtu jgħidu lil missieru li jecc ma jatihomx elfejn lira ma jatuħx l'it-tifel. Il pulizija fittxet cullimchien iżda ma setgħux isibu fejn chien moħbi it-tifel.

Fl-aħħar il missier ŭiegħed li għandu jħallas l-elfejn lira u malli ħallashom ŭaħda mara giebitlu it-tifel. Issa ŭiegħdu elfejn lira oħra għal min jicxef min chienu daŭc li serkuh u f'il Pensilvanja saret ligi li min jinkabad jisrak lil xi ħadd biex jitlob imbagħad xi somma cbira ta' flus jatuh il meŭt u lil min igħinhom jibagħtuh il ħabs għal għomru.

**Il Hohenzollern**, li hu il jott ta'l Imperatur ta'l Germanja ħabat ma bastiment norvegis li baka nieżel. L-eqŭipaġġ tiegħu salva.

**F'il Messicu** kabdet il Camra ta'd-Deputati bl-archivju b'collox, u saret ħsara cbira.

**F'il Portugall** il baħar kaŭŭi ġarraf il belt ta' Espinho fejn Oporto.

**Schackleton** ŭasal sa mitt mil bogħod m'il Pol t'Isfel ta'd-dinja. Meta jaslu l-istess f'il Pol ta' Fuk?

**In-nisa suffragisti** igifieri daŭc li jridu jcollhom il vot u jidħlu f'il Parlament bħal irgiel sejrin jagħmlu f'is-26 ta' April li gej l-eŭŭel Congress Universali.

**Il Kassis taljan Don Romolo Murri**, dac li ma riedx jobdi għal l-Enciclica il ġdida ta'l Papa contra il Modernismu gie scumnicat.

**Miet Pears,** dac li ħolok il Cumpannija ta's-Sapun Pears u li s'issa nefket tliet miljuni liri sterlini reclam!

# Il Melodramm Malti.

## ALESSANDRU CURMI.

Dana hu ŭieħed m'il compostituri ta'l musica il cbar maltin u li jista jokgħod ŭara Isouard, għaliex bħalu ismu m'hux biss gie imfaħħar f'Malta iżda ucoll fl-aħjar teatri ta' Barra.

Imnissel minn gidd seŭŭa tŭieled i. Belt, f'Ottubru ta'l 1801; u beda l-eŭŭel tagħlim ta'l musica tiegħu taħt it-triegija ta's-Surmast Pietru Paŭl Bugeja.

Chien għadu żagħżuħ ħafna meta beda juri il ħila tiegħu u l-actar f'id-dakk ta'l pjanu.

Meta il familja tiegħu rat ix-xejra tiegħu għal fejn chienet xejn ma għamlet bħal dic ta' Isouard, iżda bagħtitu f'il Conservatorju ta' Napli, li chif għidna kabel chienet l-aħjar scola għal musica li chien hemm f'dac iż-żmien.

Dic il ħabta chien Direttur ta' dana il famus conservatorju l-imfaħħar minn cullħadd Zingarelli u dana meta ra u għaraf il ħila ta' Curmi tant ħabbu li l-eŭŭel beda biex iffrancalu il ħlasijiet collha li chienu jitħallsu minn cullħadd biex ŭieħed icun jista jitgħallem u baka sa chemm chien iħallieh f'locu jmixxi il Conservatorju stess meta chien jimrad jeŭ icollu x'jagħmel.

Dana jurina b'iċ-ċar li Curmi minn żgħuritu ŭera x'chien sejjer isarraf fih, għaliex sa chemm Zingarelli stess għażlu fost mijiet ta' sculari oħra, tarbin u taljani, biex imixxi f'locu jfisser li il ħila tiegħu ma chienetx ħlieka.

Ismu beda jiġri ma' l-Italja collha u m'hux biss mela Napli iżda is-Soċjetà Filodrammatica ta Bolonja rieditu b' ŭieħed m'il membri tagħha; u chien għad għandu biss disgħa u għoxrin sena, meta f'it-Teatru Valle ta' Ruma, fl-1830, ta l-eŭŭel melodramm tiegħu "GUSTAVO D'ORXA" li intgħoġob ŭisk minn cullħadd.

Ferħan b'ir-rebħ tiegħu xtak jara lil niesu u lil pajjisu, u għalhecc sentejn ŭara, fl-1832, gie f'Malta, fejn chiteb opra oħra, biex jakta ix-xeŭka ta' ħafna ħbieb maltin, jisimha "ROB ROY," u li saret f'it-Teatru tagħna u tant intgħoġbot li chif igħarrafna il Prof: G. A. Vassallo ħadd ma chien jistenna minnu ħaġa hecc cbira.

Iżda ŭara li f'Napli chienu semgħu il "GUSTAVO D'ORXA" tiegħu ma riedux jitilfuh u jibkgħu minngħajru, u għalhecc chienu ta' sicŭit jictbulu biex jarġa jmur hemm u hu m'il banda l-oħra ma chien lankas jakbillu li jintilef Malta. U għalhecc raġa mar hemm, chiteb opra oħra ġdida, il famusa "ELODIA D'HERSTALL," u li ta f'it-teatru ta' Napli, is-San Carlu, f'Ottubru ta'l 1842; u tant intgħoġbot li chif krajna chellha "succèss strepitus" igifieri li cullħadd għamel għageb biha; u m'hux biss bdeŭ ifakkgħu idejhom, b'il ŭiekfa, in-nies collha li chien hemm f'it-teatru, iżda ir-Re stess u il familja tiegħu kamu b'il ŭiekfa f'il palc tagħhom u bdeŭ ta' cull darba jibdgħu l-applaŭsi huma, u bakgħu sa' spiċċat l-opra collha u niżel is-separju u sejjħulu f'il palc u kuddiem cullħadd ferħulu għal ħila tiegħu.

Meta nicteb jeŭ nakra xi ħaġa hecc fuk xi malti inħoss id-dmugħ jakbeż minn għajnejja meta niftacar chemm ifaħħruna u jistmaŭna il barranin f'darhom u aħna ma nafu nistmaŭ ruħna xejn għaliex il għejra cherha tagħna tibka nieżla ma'l imejjet ġo'l kabar u lankas biss irridu naraŭ minkux fuk irħama smu.

Nieħdu minn Mizzi u minn Savona, li għadhom ħajjin f'moħħna. Mizzi, li chif cullħadd jaf ħadem u bata għal pajjisu, ħalla ŭarajh m'hux biss l-uliedu u il partit tiegħu li illum kiegħed imixxi il pajjis iżda ucoll gazzetta li tħalli mnejn igħixu erba familji cull jum minnha. X'sarlu? Fejnu il Monument li chienu semmeŭ? U l-istess għal Savona, li katta ħamsin sena jitħabat bħal ljun għal pajjisu. Naħseb li għad indumu ħafna snin jecc m'hux secoli oħra kabel ma nonġru xturna u naslu fejn ŭaslu ġnus oħra. Billi inħambku għal costituzzjoni biss ma nagħmlu xejn għaliex indaħħcu in-nies bina billi għadna kejsna tarbija li chemm chemm għadha telket timxi u ġa morna għand il mercant biex nixtru it-tomna u il bastun b'il pum ta'l fidda. Hemm bżonn l-eŭŭel li il poplu jitgħallem l-istorja tiegħu u jkim l'in-nies cbar tiegħu u lil daŭc li għamlulu gid u imbagħad incunu ŭsalna għal ħŭejjeġ cbar oħra. Sa chemm f'il pajjis għadna insemmu Camenzuli Street, Baptist Street, Strada Tonna, Castelletti Street, u x'naf jien f'loc Strada Isouard, Curmi, Barth, Bosio u oħrajn ma naħsibx li ŭasalna għad għal dac li jippretendu xi Cunsiljieri m'il Gvern tagħna.

Iżda nerġgħu nidħlu ftit f'il għalka mnejn ħriġna jeŭ ħargitna kalbna u incomplu għallankas nitfarrġu billi naraŭ lil maltin ta' ħila jicsbu minn għand il barrani dac il gieħ li katt ma taŭhom f'pajjishom huthom u krabathom stess.

Meta Alessandru Curmi ra ġbinu imdaŭŭar b'il curuna tar'-rand ħaseb ftit għal ħena ta' kalbu ucoll u iżżeŭŭeġ ma's-Sinjurina Morelli, li għalchemm iġġib cunjom taljan chienet nieżla minn familja maltija li chien ilha xi żmien tokgħod f'Napli. Biss minn dac iż-żŭieġ Curmi ma chellux il faraġ li jcollu tfal u għalhecc ħadd ma sata jired dac l-isem li chien imdaŭŭal bl-isbaħ dija ta'l glorja.

Raġa gie b'il mara f'Malta għaliex dina xtieket tara art in-nisel tagħha u hu xtak iressak lil martu, li chienet minn familja pulita ħafna, lil familja tiegħu; u haŭn chiteb opra ġdida "IL PROSCRITTO DI MESSINA" li tagħha f'it-Teatru tagħna u li intgħoġbot ŭisk.

Ŭara li kagħad haŭn għal ftit żmien telak lejn Parigi u Londra fejn ismu chien ilu li ŭasal kabel. Hemm chiteb fuk libretti francisi "LA ROZIERE"; "LA REINE DE FATE" u "LA LODOLISCA" li saru f'it-Teatru ta' Covent Garden ta' Londra u li intgħoġbu ħafna sa' m'ir-Regina stess.

Meta xegħlet Londra b'il ħila tiegħu l-Impresarju ta'l *Grand Opera* ta' Parigi stiednu biex jictiblu opra. Curmi mar hemm fl-1845 iżda billi tkankal ħafna tixŭix u il poplu ma chienx irid ħlief li jaħsel idejh f'id-demm ta' daŭc li chienu kiegħdin jaħkruh, sfratta collox.

Iżda Curmi ma riedx jitkankal minn Parigi bla ma juri ħiltu hemm ucoll; u għaldakstant chiteb opra li chienet tgħodd ħafna għal dac il ŭakt u li semmiha "LA REVOLUTION", u meta saret tant intgħoġbot li għamluha ucoll f'teatri ta' pajjisi oħra u saħansitra f'Malta fl-1853, fejn intgħoġbot ŭisk ucoll.

L-Impresarju ta' San Carlo ta' Napli meta ra ix-xogħol ta' Curmi chemm intgħoġob sa f'Londra u f'Parigi, talbu biex jictiblu opra oħra, u għalhecc fl-1857 raġa mar Napli biex jicteb opra tragica; iżda giet il meŭt u ħasditu f'April ta' dic is-sena, bla ma tatu iż-żmien biex ilesti dac ix-xogħol l-ieħor.

Musica Sagra ftit chiteb, iżda cullħadd għadu jitgħaxxak sa'l-lum meta jisma dic il famusa Antifona li chiteb għal festa ta' Missierna "*O Sancte Paule,*" u jixrak li chiecu nisimgħu xi ħaġa oħra tiegħu ucoll bħalma darba, jecc nif-

tacar tajjeb, il Banda ta'l Istilla ta'l Belt gegħlitna nisimgħu, taħt it-triegija ta's-Surmast intelligenti u ta' ħila Hare, bcejjeċ m'il opri tiegħu.

Imisshom is-Surmastrijiet ta'l Baned tagħna jagħmlu xi "Selection" ta'l musica ta'l aħjar Compostituri maltin ħalli b'hecc niftacru fihom u ma jmutu katt ġo klubna; bħal ma jixrak ucoll li, f'kasir żmien naraŭ fuk il parapett ta't-Teatru Rjal tagħna imkar żeŭġ busti ta'rħam ta' dana Curmi u ta' Isouard li kalgħu tifħir l-actar sabiħ f'it-teatri ta' Londra, ta' Parigi, ta' Napli u ta' bliet cbar oħra.

Nixtiek naf ucoll jecc f'Malta bakax xi ħadd minn krabatu li jista jgħarrafni xi ħaġ'oħra fuku; u fejn tinsab merfugħa il musica sabiħa tiegħu ħalli ŭieħed jara jistax xi darba jasal biex tindakk xi biċċa minnha.

Jalla fl-aħħar nagħmlu magħhom dac il ħakk li jmisshom.

# GĦA'N-NISA.

**Lil S. P.** (Belt).

Għedt li l-uliedec tħobbhom daks il mimmi ta' għajnejc, u għal dana sgur ma għandec l-ebda tort; u chtibtli li tixtiek taf chif għandec trabbihom billi ma tafx takra ħlief b'il malti. Jiena jidhirli li ix-xeŭka sabiħa tiegħec għandha tigi maktugħa, u għalhecc sejjra ingħidlec xi ħaġa jien meħuda minn fuk il cotba ta' Vertua Gentile, ta' Mantea, ta' Lino Ferriani, u oħrajn ingliżi; u nitma li dan li sejjra ingħidlec icunlec ta' gid cbir.

L-eŭŭel ħaġa li għandec tagħmel hi dic li ma tibgħatx l-uliedec cmieni l-iscola, igifieri meta jcunu għadhom żgħar ħafna. Dana jagħmlilhom deni f'saħħithom u f'id-draŭŭiet tagħhom ucoll. Fl-iscola it-tfal, ftit jeŭ ŭisk jinħakru, u jcunu għadhom ma jafux u ma jifilħux jiddefendu ruħhom; xi dakka m'it-tfal l-oħra jakilgħu u jecc ma jiġrilhomx dan, li jokogħd u b'il kiegħda għal siegħat sħaħ hu dejjem ħażin għalihom. Hażin ucoll ħafna li jokogħdu għal żmien tŭil attenti fuk il cotba jeŭ fuk dac li jcunu jitgħallmu. It-tagħlim f'iż-żgħar għandu jsir bħal meta ŭieħed iżokk il bcieċen; ftit u ta' sicŭit. Għallmu ħaġa żgħira u ħallih jixtarrha tajjeb; u la tgħallmux ħaġ'oħra ħlief meta juric li dic daħlet ġo moħħu seŭŭa, u xejn la tgħaġġlu, ħallieh jieħu iż-żmien li għandu bżonn hu biex iŭaħħal f'rasu dac li tgħallmu. Jecc icollu moħħu tajjeb u jaħtaf malajr u juric ix-xeŭka li jrid jitgħallem, imxi miegħu; iżda jecc moħħu jcun dgħajjef u jifhem b'il mod, la tgħaġġlux għaliex tagħmillu ħsara. L-istess jecc ma tarahx għandu kalb jistudja; ħajjru, fehmu li jcun għal gid tiegħu; iżda la tisfursahx għaliex tagħmillu ħsara cbira f'saħħtu; u żomm dejjem kuddiem għajnejc li is-saħħa hi dejjem elf darba aħjar m'il għerf.

Issa jecc dana jista jsir id-dar, fl-iscola ma jista jsir katt għaliex is-surmast dejjem imixxi il kuddiem lil daŭc ta' moħħhom tajjeb biex joħroġ bl-unur, u lil daŭc li moħħhom icun ftit dgħajjef, jeŭ jisfurzahom biex jilħku ma'l-oħrajn u dana jagħmlilhom ħsara cbira u jitgħallmu collox ħażin, jeŭ jecc jara li ma jifilħux jisforzaŭ jitlakhom għal rieħhom u b'hecc jiżdingaŭ m'il istudju, iŭaħħlu f'rashom li ma humiex tajbin għal l-iscola u jseŭŭdu kalbhom u jibdgħu m'hux biss ma jridux imorru l-iscola jeŭ jiscartaŭha iżda ucoll dac li hu agħar jobogħdu l-istudju.

Chiecu daŭna it-tfal chellhom min jieħu ftit ta'l pacenzja bihom, u mexa magħhom scond il bżonn u il forza ta' moħħhom chiecu chienu jibkgħu jitgħallmu u chienu b'il mod il mod iħobbu l-istudju u il cotba u b'iż-żmien chienu jistgħu jirnexxu bħal ma irnexxeŭ ħafna nies cbar li meta chienu fl-iscola chien cullħadd imakdarhom għaliex ma chienu jafu xejn. Fost daŭn hemm Balzac, Alfieri u Darwin.

Mela jecc tridu li uliedcom jirnexxu la tibagħtuhomx scola cmieni; żommuhom ma dŭarcom u għallmuhom intom imkar il ftit li tafu; la tisforsaŭhomx iżda ħalluhom dejjem jixtarru dac li tgħallmuhom. U fuk collox għallmuhom jaħsbu u jħossu tajjeb, għaliex daŭna huma żeŭġ ħŭejjeġ li għandhom jitgħallmuhom f'id-dar u m'il missieru m'il omm. Fl-iscola, m'it-tfal l-oħra ŭisk ftit jistgħu jitgħallmu iżda ŭisk drabij itgħallmu ħafna ħażen u pastasati.

Minn għalija katt ma għandec tibda tgħallem l-iscola l'it-tfal kabel sitta jeŭ seba snin, għaliex hemm jibdgħu jifhmu dac li tgħidilhom; is-snin ta' kabel ħallihomlhom biex jibnu tajjeb saħħithom, b'il logħob, b'il kbiż, bl-agħjat u billi jiġru fl-arja tajba. Meta bnejt is-saħħa tajjeb il moħħ jobdi actar malajr u b'hecc iggib dac li tcun tlift. U jecc trid tista ma titlef xejn ucoll għaliex jecc taf ftit taljan jeŭ ingliż tista tgħallimhulhom bla ma tagħmlilhom l-ebda ħsara meta jcunu miegħec; f'it-triek għallimhom chif tgħid bl-ingliż jeŭ b'it-taljan il ħŭejjeġ li tintakgħu magħhom u l-istess f'id-dar u tara chif it-tfal meta ma jcollhomx is-seccatura ta'l iscola jitgħallmu actar b'il kalb; ibda chellimhom ftit ftit b' dic il lingŭa li tixtiekhom l-actar jitgħallmu u tara chif sa jcollhom ħamsa jeŭ sitt snin icunu jafu jitchellmu b'lingŭa ŭisk actar minn daŭc li jcunu ilhom xi sentejn fl-iscola. U b'hecc ma tagħmillhom l-ebda ħsara għaliex ma jcollhomx l-egħluk u il jasar ta'l iscola.

Ibda fehimhom b'il mod chif isiru u mnejn jiġu xi ħŭejjeġ; tihom jaraŭ cotba bl-istampi ħalli tnisslilhom f'kalbhom ix-xeŭka li jifhmu billi jakraŭ daŭc l-istampi x'ifissru; u jsiru jħobbu il cotba u jibżgħu għalihom.

Meta imbagħad tcun bnejtilhom seŭŭa saħħithom, tcun nissilt fihom int l-eŭŭel ħsiebijiet u l-eŭŭel xeŭkat u li ma jmutu katt fihom, meta tcun nissilt int fihom l-imħabba għal l-istudju u jcunu jifilħu jiddefendu ruħhom jeŭ igħidu dac li ġralhom jeŭ li għadda minn għalihom, allura jcun il ŭakt li jecc ma tistax tcompli tgħallimhom int jeŭ ma tafx tibgħathom l-iscola; ħalli b'il mod il mod jibdgħu jifhmu id-dinja b'il għaŭġ u il kerk tagħha la darba jridu jgħixu fiha. Iżda kis li l-eŭŭel żerrigħa f'kalbhom u f'moħħhom ma tcunx dic ta't-tfal ta'l iscola iżda dic li tcun żrajtilhom int jeŭ missierhom, u jecc dina iż-żerrigħa tcun laħket nibtet iż-żerrigħa ta'l oħrajn ma tantx issib ŭisa fejn tinbet u b'hecc it-tfal jibkgħu jimxu scond il fehma tiegħec.

U x'ingħidu m'il ħsara li jagħmlulhom daŭc il poeżiji li jgħallmuhom bla ma jifhmuhom u dic il ħafna grammatica li jbellgħuhom u li xi dakkiet lankas is-surmast stess ma jcun għadu fehem seŭŭa. Xejn minn dana collu; dana jigi ŭaħdu ma's-snin u ma'd-dehen. Katt tisfursaŭ imħuħ uliedcom biex tisimgħu min igħidilhom "bravi;" daŭc it-tfal meta jicbru actarx ma jirnexxux u ŭisk drabi jimirdu u titlef collox. Għandec titgħaxxak b uliedec meta tarahom f'saħħithom

b'saħħithom u jafu jġibu ruħhom tajjeb; il għerf jigi ùara meta jicbru.

Kisu biss li ma tbeżżgħuhomx bl-iscola bħala ħabs, bħala castig; ùisk aħjar jecc tgħidulhom li bħalha premju meta jicbru ftit tibagħtuhom l-iscola. Giegħluhom ihobbuha m'il bogħod biex meta jcollhom bżonn imorru ma jħabbtucx u jmorru b'il kalb. Giegħluhom ucoll ihobbu ħafna il cotba bla ma jibdeù jakraù fihom, biex meta jasal iż-żmien li jcollhom bżonn jakraù fihom ma jchemmxux xuftejhom. Għallmuhom ucoll li jfaddlu xi sold m'il ħelu li jixtru biex jixtru xi ctieb bl-istampi u int okgħod fehimhom, u jecc tista b-lingùa oħra, daùc l-istampi x'inhuma.

Mela niftehmu:— jiena ma inhiex kiegħda ingħidlec li l-iscola jeù l-istudju huma ħùejjeġ ħżiena; kiegħda ingħidlec biss li ma għandecx tibgħathom l-iscola meta jcun għadhom żgħar biex teħles minnhom.

Għedtlec li l-eùùel għandec tibnilhom saħħithom seùùa bl-arja, b'il-logħob, b'il giri u imbagħad tibda tħabbel rasec għal għerf u it-tagħlim fl-iscola.

Għedtlec li jecc tista tgħallimhom int hu aħjar milli titlakhom f'idejn ħaddieħor, tant għal dac li hu tagħlim għaliex ma tisforsalhomx moħħhom chemm ucoll għal daùc li huma ħsiebijiet u draùùiet.

Għedtlec li ħadd bħal missier u l-omm ma jieħu il pacenzja cbira biex jitħem it-tfal x'iridu u chif iriduh; u x'tagħlim għandhom bżonn, u meta u chif għandhom jitgħallmuh.

Għedtlec li għandec iġgegħilhom iħobbu l-iscola u il cotba bħalha premju iżda li ma għandecx sa chemm icunu għadhom żgħar tħabblilhom ùisk rashom fukhom. Jecc taf u tista tgħallimhom ftit, ftit, f'passiġġata, fuk mejda, ùakt il-logħob xi chelma, xi draùùa tajba għamlu għaliex dana m'hux biss ma jagħmelx ħsara iżda it-tfal jitgħallmuhom b'il pjacir.

Darruhom curjużi, għaliex il curżità ma hix ħlief il għatx ta'l għerf, u jiena l-acbar pjacir tiegħi meta uliedi min jeddhom, spiss ma tul il ġurnata, jiġu jgebbdu miegħi biex ingħidilhom chif tgħid b'it-taljan u bl-ingliż dic il ħaġa, jeù chif issir dic l-oħra. U kisu li ma għandcom tigdbulhom jeù tkarrku bihom katt. Dac li jistgħu jifmuh għiduhulhom; dac li għal issa ma għandhomx jafuh, għidulhom li meta jicbru tfehmuhulhom iżda la tfehmuhom katt ħażin. Meta ittifel jicber u jintebaħ li inti gdibt jeù dħakt bih ma jaraha xejn bi cbira li jigdeb jeù li jkarrak b'ħaddieħor hu, u jitlef lejc dic il kima li għandu jcollu li cull ma jgħidu ommu u missieru ma hux ħlief is-seùùa li ma jista jmerih ħadd.

Mela żommu l-uliedcom ma dùarcom u chemm tistgħu għallmuhom intom. Tiffrancaù ħafna spejjes, tiffrancaù għali, ma tħallux jinbtu fi klub uliedcom draùùiet ħżiena, tcunu tafu chif jaħsbu u fejn iùassal moħħhom, ma tgħarrkulhomx moħħhom bl-isforzi, u f'loc li jħobbu u jrabbu fiduċja f'surmast barrani jħobbu lilcom u jrabbu fiduċja ficom u dic l-imħabba u dic il fiduċja ficom jicbru magħhom ma's-snin u jgħożżucom bħalha l-egħżeż ħbieb, u meta jicbru jibdgħu jifthu klubhom magħcom u dana jisùielcom ħafna biex tcunu tafu fejn hi miexja il pruùa ta klubhom.

Jecc it-tfal għandhom b'il fors biex igħixu jinxteħtu f'iddinja u xi ħadd igħidli li aħjar jidraùha u jitgħallmuha cmieni, ingħidlu li jħalli għallankas iz-zocc jixraf ftit sa chemm jibda jiflaħ jarġa jarfa rasu ùara li jcun mejjilha taħt il buffura kalila ta'l ħajja; u m'hux tkiegħdu fiha meta jcun għadu tant tari li ma l-eùùel żiffa kaùùija jitkaċċat ħesrem.

Dana li ridt b'ħafna cliem infehmec jiena: tgħabbix l-uliedec bl-istudju u b'it-taħbil-ir-ras kabel ma tcun saħħaħtilhom gisimhom u moħħom, u titfaħhomx f'il baħar kalil ta' ħajja kabel ma tgħallimhom jaħsbu u jħossu tajjeb, u kabel ma jcunu jifilħu jiddefendu ruħhom m'il killa u m'il kerk ta' l bniedmin; u li jecc tista u taf tcun int is-surmast ta' uliedec la terħihomx f'idejn ħaddieħor, għaliex ħadd ma jista jifhimhom u jgħożżhom actar minnec u ma hemm l-ebda scola aħjar għalihom m'il esempju tajjeb ta' ommhom u ta' missierhom. Darb'oħra incomplu.

Lucija Levanzin Inglott.

★

# STORJA TA'L PAPIET.

XIV.

## S. ELEUTERJU.

**Saltan għal ħdax il sena, erba xhur u erba t-ijiem. Laħak f'is-sena 182 u miet f'is-sena 193.**

Bin Abbondju u li laħak meta l-Imperatur bla kalb Commodu chien bi ħruxija l-actar cbira kiegħed jaħkar l-Insara. Fejn tùieled seùùa ma jafux: hemm min jgħid li tùieled f'Nicopoli fl-Albanja, min fl'Epiru, f'il Grecja u min f'il Calabrija. Luċju, gvernatur ta'l Inghilterra chiteb ittra lil dana il Papa fejn talbu li jibgħat lil xi ħadd biex ixandar it-tùemmin nisrani; u il Papa b'ferħa cbira, bagħat lil Fugazju u lil Damjanu li reġgħu xegħlu f'dac il pajjis ix-xrar bati ta'l imħabba lejn it-tagħlim ta' Cristu li chien inżara żmien kabel. Xi għorrief ta'l Cnisja jridu jgħidu li missierna San Paùl stess mar hemm biex xandar l-Evangelju; iżda dina ma hix ħaġa sgura. Luċju hu magħdud bħala l-eùùel Hachem nisrani fl-Eùropa.

Fi żmienu xegħlet is-setta ta'l Montanisti li fost il ħùejjeġ l-oħra riedu jgħidu li hu dnub li ùieħed joktol l-annimali biex jiecolhom. Xi chittieba, u fosthom it-Thierry, iridu jgħidu li dana il Papa chien jifhimha bħalhom u għalhecc jugżaùh li ùaka fl-eresija. Izda fuk ix-xhieda ta' Tertullianu u ta' S. Ireneù u milli ħalla mictub dana il Papa stess naraù b'iċ-ċar li dana ma chien xejn minnu. Miet actarx martri u difnuh f'il Vatican.

★

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

April.

19—1571. Il Gran Mastru Pintu ta il Monti l'id-Dumnicani ta'l Belt.

20—1757. Miet l-Iskof ta' Malta Fra Paùlu Alferan.

21—1615. Beda għal leùùel darba jżennen f'il Belt l-ilma ta' Għajn Ħandul u ta' Għajn Ħadid.

22—1781. Giet icconsagrata il Cnisja ta' San Flippu ta'l Isla.

23—1835. Ħarget ligi biex tkaùùi il klub ta'l bdieùa tagħna ħalli jiżirgħu is-siġar ta'ċ-ċaùsli ħalli jdaħħlu id-duduta'l-ħarir f'Malta billi dana jgħix fuk il ùerak ta' daùna is-siġar. Dina jmissha tcun ùaħda m'il industriji tagħna bħal ma hi għal Skallija.

24—1703. Ħareġ is-Sinodu ta'l Iskof Cocco-Palmieri biex seùùa il ħafna taħùid li chien haùn f'dac iż-żmien.

25—1838. Dina hi data għalina il Maltin l-actar sabiħa għaliex fiha dehru l-eùùel gazzetti indipendenti ùara li taùna il-libertà ta'l istampa. Kabel ħadd ma chien jista jistampa xejn ħlief il Gvern biss jeù b'il permess tiegħu.

# IS-SAHHAR FALZUN

"Irnexxielu ucoll jirranġa praspura oħra ma's-Sultan ta'l Purtugall li ried jaħtaflu il bini li l-Ordni chellu f'pajjisu. Is-Sultan Enricu Tmienja li chien diç il ħabta jaħchem fuk l-Inghilterra għamel l-istess. Il Gran Mastru talab l-is-Sultan ta' Franza, Frangiscu, li jakbeż għalih; dana bagħat żeŭġ ambaxxaturi għand Enricu Tmienja, iżda dana ma ried jatihom ŭiden ta' xejn u lakagħhom ħażin. L'Isle Adam fehem li dana chien tħanfes għaliex ma chienx mar jagħmillu żjara bħal ma chien mar għand is-Slaten ta' Spanja u ta' Franza u biex ma jharraxx il biċċa ħasibha li għandu jmur jati kima lil dan is-Sultan cburi ucoll..."

—"U lakgħu meta mar?" staksa il Ħachem.

—"Iva, actar milli chellu ħsieb" ŭiegeb Kalamias" u tah dac il gieħ collu li chien jixrak lil l-actar gŭerrier kalbieni u għakli li chellhom l-Insara f'dac iż-żmien. Il pesta reġgħet bdiet taħchem f'Viterbo u għalhecc ħafna m'il Cavalieri marru f'Nizza u ix-xŭieni irdusssaŭ f'il Port ta' Villafranca.

"U billi donnu dana ma chienx b'iż-żejjed biex ifixchel lil Gran Mastru tkanklet il gŭerra. Il Princep Borbon, franciż iżda ħabib ta' Carlu Ħamsa, niżel fuk Ruma contra il Papa li chien kiegħed imixxi contra L-Imperatur ta' Spanja il "Lega Santa" (Għakda Imkaddsa), u għad li ŭaka mejjet taħt is-sŭar tagħha iżda in-nies ħorox tiegħu daħlu f'il belt u ħarbtu u serku cull ma sabu taħt idejhom. Lil Papa ħaduh priġunier ŭara li żamm chemm felah f'il Castell Sant' Anġlu, u ŭara li chellu jerħi l-isbaħ bliet li chellu."

"U il Gran Mastru x'sar minnu?' staksa il Ħachem.

—"Dan għela bla tarf meta sama li il Papa ŭaka taħt idejn l-Imperatur" kal Kalamias "għaliex fih chien kiegħed it-tama tiegħu collha. Mar f'Viterbo, lakka Cunsill Generali u ŭara li raġa kankal ix-xeŭka tiegħu li jieħu Rodi, ra li ma sata jcollu l-ebda għajnuna m'is-slaten insara li chienu kattanija ŭaħda bejniethom u raġa beda jħeŭden fuk Malta. Bagħat m'il ġdid xi cavalieri għand l-Imperatur iżda dana lakagħhom biered, għaliex billi chien gŭerra ma' Franza, u L-Isle Adam chien francis, baża li jerħilu taħt idejh il Port ta' Malta. Il Commendatur Bosio ŭebblu biex jieħdu minn taħt idejn it-toroc il belt ta' Modon f'il Morea; iżda billi il Gran Mastru chien kiegħed f'il ftehim ma'l Papa fuk Malta ma riedx jarġa l-ura minn chelmtu.

"Il Papa f'd'il ħabta chien isseŭŭa ma'l Imperatur u dana ŭiegħdu li jżeŭŭeġ lil bintu Margherita ma'n-neputi ta'l Papa, Alessandru de' Medici; u għalhecc il Gran Mastru nissel tama kattŭija li minn din il ħbiberija xi ftit idabbar rasu hu ucoll.

"L-Imperatur Carlu Ħamsa mar f'Bolonja fejn il Papa kiegħidlu fuk rasu il curuna ta sultan; u chif chienu f'it-telfa ta' dic il ħbiberija collha għal cull ma talab il Papa, l-Imperatur ma kalx lè; u għaldakstant ta Malta u Għaŭdex lil Cavalieri, fl-24 ta' Marzu 1530, b'il ftehim li sar f'Castelfranco. Biss nhar il Kaddisin Collha chellhom jatuh bies, b'turija ta' kima, u żamm ucoll għalieh il ħatra ta'l Iskof ta' Malta."

—"Mur ara x'ferħa ħa il Commendatur Bosio meta ra li b'il għakal ta' rasu chellu ħila jŭassal il ftehim sa haŭn.'' kal il Ħachem.

—"Iva" ŭiegeb Kalamias "iżda għalieh, mischin, chienet ferħa bla temma għaliex ħalla gildu. Biex ifittex iŭassal l-aħbar tajba lil Gran Mastru telak b'caless u giegħlu jgerri chemm flaħ. Iż-żiemel ŭaka u il Commendatur ingerah u tbengel minn fuk s'isfel. Sejjħu minnufih tabib u ried jisfdu; iżda chien tant ħmar li f'loc li fetaħlu il vina takkablu l-arterja, u b'hecc m'hux biss tellfu ħafna demm iżda giet nefħa tant kalila li fejn takkablu iccancra u l-imsejchen miet. Kabel ma intilef reħa id-degriet f'idejn Statigogulo biex iŭasslu lil Gran Mastru u talbu jfaccru f'ir-reħŭa ta' Modon. Dana kaluli Statigogulo stess billi rodjott ħħali."

*(Jissocta.)*

★

## Lil L-Imsiehbin.

654 Can. Tesor. Sac. Ant. Cordina - Rabato sa'd-39; 655 Gpe. Gatt - L-Isla sa'd-39; 656 Chco. Calc. Sammut - Rabat sa'd-39; 657 Neg. Mich. Tabone - C. Caccia (Għaŭdex) sa'd-39; 658 Giov. Carabez - Ħamrun; 659 Gerardo Caŭchi - Ħamrun; 660 Carm. Busuttil - Sliema; 661 Art. S. Baldacchino - Ħamrun; 662 Salv Ittar - Belt; 663 Luigi Agius - Sliema; 664 Farm. Ant. Muscat - Ħamrun; 665 Onor. Marchis Alf. Mattei LL. D. - Sliema; 666 Sinjura Ann. Gera - Ħamrun; 667 Carlo Cachia - L-Isla sa'd-39; 668 Angelo Debono - Pietà sa't-52; 669 Ant. G. Desira - Zejtun sa'd-39: 670 Ant. Vella - Il Belt.

*(Jissocta.)*

## Loghob.

It-tifsir ta'x-xarada ta'n-numru 30 chien SI-L-LA jeŭ MI-F-LA.

Fissruha tajjeb: C. Sant Ħal Għargħur); G. Calleja (Imghieret.

Il chelma li tagħmel minn ħafna ittri chienet: CUCCUDRILL jeŭ DROMEDARIU.

Fissruha: C. Sant (Ħal Għargħur); G. Callejja (Imghieret); F. S. Mizzi (Belt).

Il proverbju chien: CUL GHAL KALBEC U IMXI GHAL GHAJNEJN IN-NIES.

Fissruha tajjeb:—C. Sant - Ħal Għargħur; G. Calleja- Imghieret; L. S. Belt.

L-annimal zgħejr li meta iżżidlu ittra isir annimal cbir chien: FAR. Fissruh:— G. Calleja - Imghieret; F. S. Mizzi - Belt.

Il premji ta'l ħlas ħaduhom: Sac: Ant: Barbara - Rabat; Lorenzo Caruana - Marsa; Mosè Callus - Ħa'ż-Żebbuġ; Vzo: Filletti - B'Cara; Can: Sac: E. Gatt Flores - il Birgu u James P. Griffiths - Bormla.

L-eŭŭel premju li ħadu is-sur Griffiths hu romanz sabiħ b'it-taljan u bl-istampi li jkum fuk l-erba xelini; l-oħrajn ħadu romanzi oħra li jkumu xelin jeŭ jżjed. Minn f'loc ir-romanz irid "Maħbub ta Gesù" jgħarrafni. Il premji jistgħu jgħaddu għalihom għand il Fotografu Vella ta' Strada Rjali ta'l Belt. Ftacru li min jibgħat iħallas is-sitt xhur li dħalna fihom minn jeddu jeŭ min ħallashom ġa sa l-aħħar ta' April jista jmissu xi premju sabiħ u jduk b'hecc il għasel ta'n-"Naħla".

LEV:

Nitolbu għa'r-ruh ta's-Sinjura

**FORTUNATA CARUANA**

li mietet f'il għaxra ta' dana ix-xahar il Belt.

L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il ħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-Tliet Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Jec xi ħadd icun irid jagħmel xi ircant jeŭ jistma xi ħaġa u jcun sgur li reħa ħŭejjġu f'idejn bniedem li jfittixlu l-interessi tiegħu b'ir-rekka u bl-onestà collha, jati l-ircant l-is-Sur ACHILLE CIANCIO, ta' Strada Mercanti, numru 175, il Belt u joħroġ cuntent sgur.

Min irid jixtri linca ta'l istampa, seŭda jeŭ ta'l culur, ta' Lorilleux, b'irħis; u min irid jixtri torchju sabiħ ħafna bi prezz ħelu jicteb jeŭ jitchellem ma'd-Direttur ta'n-"Naħla" u jiftiehem sgur.

Is-Sur Ġużè Cumbo, kiegħed joħroġ rumanz sabiħ ħafna b'il malti, bl-istampi, tradott m'il francis ta' Ponson du Terrail imsejjaħ "Il Ħaddied ta'l Cunvent." Cull faxxicolu ta' 19 il paġna cbar joħroġ cull gimgħa u jkum żeŭġ soldi biss. Min irid jissieħeb imur jeŭ jibgħat fl-Istamperija Cumbo, 295, It-triek ta' S. Paŭl, il Belt.

Min jissieħeb issa jatih il faxxicoli collha li ħarġu s'issa u jitħallsu żeŭġ soldi cull ħmistax il ġurnata.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija utcunu tridu tal-luġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' lejn Sant Anton.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Għand is-Sur Ġużè Mallia, ta'Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegħ xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

GĦA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

NEVRASTENIJA

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

L-ANTINEVROTICU

TA'L

PROF. DE GIOVANNI

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min irid jixtri

# CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra

# BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

C. CAMILLERI & SONS

TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

Stamperija "EMPIRE" 8 Strada Magazzini - Floriana.